Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-10 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Versus**

**Lawrence Galea**
**(334675M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Lawrence Galea** detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru **334675M**.

Fejn huwa akkuzat talli nhar is-26 ta' Novembru 2020 ghal habta tal-16:30hrs gewwa 23, Casa Galea, Pjazza Santa Liena, Birkirkara:

1. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa ta' importanza zghira fuq il-persuna ta' Martese (Maria Teresa) Borg, hekk kif iccertifika Dr. Neville Vassallo (Med Reg. 2500) tac-centru tas-sahha ta' Birkirkara.

2. Wara li kien avzat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviz bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi fil-GBDV Unit, sabiex taghti dak it-taghrif u/jew iggib mieghek dawk id-dokumenti li l-Pulizija kien jinhtiegu fuq xi investigazzjoni, inqast li taghmel dan.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' PS 583 Evan Grech.

Rat l-affidavit u c-certifikat mediku tat-tabib Prof. Neville Vassallo mmarkat bhala Dok AMG1.

Semghat ix-xhieda ta' Martese (Maria Teresa) Borg.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 11, 202(h)(ii), 221(3), 222(1)(a) u 355AD(3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **Lawrence Galea hati** tal-imputazzjoniet migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€ 500.00).**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Martese (Maria Teresa) Borg ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil hati **Lawrence Galea** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena (1), millum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* Martese (Maria Teresa) Borg.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat